MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 16/2007

**Talba Nru: 16/07PBC**

**Michael Cheatle (ID 30583A) bhala amministratur ta’ Ocean Heights Apartments**

**Vs**

**Anthony Caruana (ID 330168M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm403.50c) rapprezentanti zewg annual

maintenance fees li skadew f'Settembru 2005 u 2006, kif ukoll hlasijiet ohra dovuti lill-association mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm403.50c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------